**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

Il-Ħamis 12 ta' Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 56.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 56.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 56.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 56.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduta numru 55, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 56.2.2 | Is-Sur Steven Grech ippropona u s-Sur Stephen Caruana ssekondaw l-minuti tas-Seduta 55, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 56.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 56.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it- 22 ta' Ġunju 2018, flimkien mas-Sur Daniel Zerafa u ma' rappreżentant mill-*Malta Tourism Authority,* attenda laqgħa l-Għar l-Aħmar f'Marsaxlokk fejn tpoġġa tapit fuq l-istess bajja, u ġew diskussa tabelli u diffikultajiet oħra li għadhom pendenti. |
| 56.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-22 ta' Ġunju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella, attenda laqgħa fil-Kunsill Lokali ma' Projects Plus rigward il-parkeġġ il-ġdid f' Marsaxlokk. Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li l-parkeġġ tlesta però ma hemm l-ebda informazzjoni jekk dan hux se jkun devolut lill-Kunsill jew le. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill se jipprova jġib id-devoluzzjoni tal-għalqa ta' mal-ġenb, u saħaq li jekk il-parkeġġ mhux ser jiġi devolut lill-Kunsill, dan għandu jibqa' għand il-Gvern u mhux jingħata lil terzi persuni, speċjalment meta l-Kunsill kien involut fil-proġett mill-bidu u attenda l-laqgħat kollha sabiex jagħti kontribut siewi. |
| 56.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar is-26 ta' Ġunju 2018, flimkien mal-Avukat u l-Perit tal-Kunsill Lokali, marru l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex f'isem il-Kunsill Lokali jattendu għall-proċess amministrattiv tal- Appell tal-Barumbara f'Marsaxlokk. Is-Sindku ħabbar ukoll li dakinhar kien hemm ukoll il-proċess amministrattiv tal-appell tar-residenti fuq l-istess Barumbara, u ma kien hemm l-ebda smiegħ. Għandu jingħata bidu għall-aċċess tad-dokumenti fil-ġimgħat li ġejjin. |
| 56.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-26 ta' Ġunju 2018, attenda għal-laqgħa ma' tim ta' persuni mill-uffiċċju tal-mara tal-Prim Ministru rigward *Pink October* fejn ġie diskuss li se ssir dawra bil-muturi li ħa tibda minn quddiem it-Torri San Luċjan. Ġie mitlub li dakinhar tal-attività tingħalaq it-telgha tat-Torri mis-6:00am sat-8:00am, sabiex minn hemm jibgħu sejrin għal Għawdex. |
| 56.3.5 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar it-27 ta' Ġunju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sur Daniel Zerafa u s-Sa. Emma Vella, attenda laqgħa l-MHAS fejn ġie diskuss l-infurzar f'Marsaxlokk mal-Onor. Michael Farrugia. |
| 56.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-30 ta' Ġunju 2018, saret attività għar-residenti għal Sqallija u żied jgħid li l-konkorrenza kienet tajba ħafna. |

| | |
|---|---|
| 56.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-2 ta' Lulju 2018, kien attenda seduta tar-Reġjun Xlokk, fejn ġie diskuss il-fond tat-*tarmac* li se jgawdu minnu l-Kunsill tagħna u l-pubblikazzjoni ta' ktieb li se jippubblika r-Reġjun. |
| 56.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-4 ta' Lulju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech attenda għal-laqgħa ma' Transport Malta f'Ħal Luqa, fejn ġew diskussa Triq Barthelemy u Triq Lepanto f'Marsaxlokk. Is-Sur Horace Gauci semma li ġie suġġerit li l-Barumbara ta' fejn Triq Lepanto tiġi rilokata biswit il-parkeġġ il-ġdid sabiex tinfetaħ it-triq. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li ġie nfurmat li Triq Barthelemy ser tinfetaħ kif inhi (bin-nofs) u Triq Lepanto (fejn hemm il-Barumbara), se tibda tinfetaħ it-triq min-naha ta' isfel sakemm jiġi deċiż x'ser isir mill-Barumbara. |
| 56.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar il-5 ta' Lulju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella, attenda għal-laqgħa Transport Malta f'Ħal-Lija, fejn ġew diskussi diversi xogħolijiet pendenti fil-lokalità ta' Marsaxlokk. |
| 56.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-7 ta' Lulju 2018, attenda għal-laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, li nżammet id-Dolmen, il-Qawra. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li n-*No Parking Signs* li joħorġu l-Kunsilli jkunu llegali jekk dawn ma jkunux imħabbra minn qabel fil-Gazzetta tal-Gvern. |
| 56.3.11 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar il-11 ta' Lulju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sa Emma Vella u impjegat tal-Kunsill, attendaw għal-laqgħa fir-rigward tal-festa tal-Madonna ta' Pompei, f'Marsaxlokk. |
| 56.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 56.4.1 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Biex issir bozza fuq l-istage ta' Triq Arżnell?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir applikazzjoni għal-lampa msemmija. |
| 56.4.2 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Triq Santa Katerina qed jipparkjaw fuq il-bankina, sabiex nagħmlu ħadida (U-Channel)?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir applikazzjoni ma' Transport Malta skont il-proċeduri. |
| 56.4.3 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Il-bankina ta' Triq Lepanto jekk kejluhiex? Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jibgħat lill-ħaddiema assenjati sabiex ikejlu biċċa bankina u tinġabar stima tax-xogħol. |
| 56.4.4 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Il-mini tad-Djar tas-Sajjieda (Daħlet B) ma jridux bankijiet?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li il-bankijiet ma jsirux jekk ir-residenti jitolbuha bil-miktub. |
| 56.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-mini tad-Djar tas-Sajjieda?" Ir-risposta ġiet mogħtija fil-minuta 56.4.4. |
| 56.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-Imwejjed u s-Siggijiet tar-Ristoranti?" Is-Sindku informa lill-kunsilliera li dan il-kaz se jieħdu ħsiebu l-Awtorità tal-Ippjanar wara li tingħata ċertu informazzjoni mill-Kunsill. |

| | |
|---|---|
| 56.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-karrijiet tad-dgħajjes?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jitneħħew. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu li l-karrijiet li ma tneħħewx wara li sar l-avviż mill-Kunsill u l-Pulizija, għandhom jiġu ikkuntatjati is-Sidien tal-karrijiet sabiex ineħħuhom mill-ewwel jew ħa jittiehdu passi. |
| 56.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Perit minħabba l-bandli u affarijiet oħra?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li se jorganizza laqgħa mal-Perit tal-Kunsill Lokali sabiex jiġi diskuss kollox. Is-Segretarju żied jgħid li l-Perit kien lesta x-xoghol fir-rigward tat-tender tal-*Playing Field* ta' Ġnien il-Familja u t-*tender* kien intbagħat lill-Kunsilliera kollha għall-approvazzjoni. Wara qbil unanimu, il-Kunsilliera preżenti approvaw il-proċess tat-*tender*. |
| 56.4.9 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Permess tal-karozzi ġol-Pjazza?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-permess għall-*exhibition* tal-karozzi fil-Pjazza għandu jingħata. |
| 56.4.10 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-*Car Park* u l-ġnien tal-madwar u l-Barumbara ?" Wara diskussjoni libera kien hemm qbil li għandu jsir ġibjun taħt l-għalqa tal-madwar u b'hekk jitnaqqas ukoll il-*flooding*. Is-Sur Steven Grech sjega kif diġà kien iddiskuta dan mal-Perit tal-istess proġett. Is-Sindku żied jgħid li se jikteb lill-Ministru konċernat sabiex il-parkeġġ il-ġdid jiġi devolut lill-Kunsill Lokali. |
| 56.4.11 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-monti u tal-ħut hemm 20 *hawke*r?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir pressjoni sabiex il-bejjiegħa tal-ħut iħallsu xi ħaġa għat-tindif li jsir wara li huma jżarmaw mill-Pjazza. |
| 56.4.12 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Tas-*soft areas*?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li qabel ma' tinħareġ *Default Notice* fir-rigward tal-kuntrattur, għandu jinqara sew it-*tender* sabiex tittieħed azzjoni. |
| 56.4.13 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-iskips"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jitwaħħlu notifiki tal-ingombru mal-iskips tar-ristoranti sabiex jitneħħew u jitqiegħdu fejn suppost, skont kif titlob il-liġi. |
| 56.4.14 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet: "Għaliex il-kuntrattur li ħa ħsieb l-irranġar ta' Triq l-Arżnell ħalla din it-transkuraġni u ma rrapurtax kif meħtieġ? Jekk jogħġbok ara r-ritratti mehmuża?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur konċernat. |
| 56.4.15 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet: "Hemm bżonn li permezz mit-TIO naraw cameras u nidentifikaw min qed jarmi l-iskart fil-madwar. Nixtieq nistaqsi jekk hux minnu li xi Kunsillier iċċekja dawn u jekk iva, għaliex ma ittieħditx azzjoni?". Wara diskussjoni libera ġie deċiż li jekk wara li l-*cameras* jitranġaw (għax temporanjament bil-ħsara), kunsillier li jmur jara r-*recordings* tal-*cameras,* għandu jkun preżenti pulizija miegħu sabiex jekk xi ħadd jinqabad jarmi l-iskart fejn mhux suppost, dan jiġi mħarrek. |
| 56.4.16 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet: "Ghaliex m'aħniex qed ninfurmaw il-Bye-Law li twaqqaf individwi milli jikkampjaw jew jostakolaw il-viżjoni ġewwa l-Magħluq permezz ta' lożor u biċċiet kbar imwaħħla mal-barriers?". F'dan ir-rigward is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ġew ordnati tabelli li jikkwotaw il-Bye-Law sabiex jitwaħħlu fil-post. |

| 56.5 | Rapporti |
|---|---|
| 56.5.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat b'invit mibgħut mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk għall-kunċert ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Lulju 2018, fit-8:30pm, fil-Pjazza.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'invit mingħand il-Kappilan ta' Marsaxlokk għall-quddiesa u riċeviment tal-Festa tal-Madonna ta' Pompei, li se jsir nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju 2018, fis-6:30pm.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 6 ta' Lulju 2018, il-Kunsilliera ġew infurmati bi proġett pilota ta' skart organiku. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku għandu jorganizza laqgħa fir-rigward.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 3 ta' Lulju 2018 mibgħuta mingħand iċ-*Chief Officer* ta' Transport Malta, il-Kunsill ġie infurmat li r-rikjesta li saret minn resident f'Marsaxlokk rigward *double yellow lines* mal-garaxx tagħhom fi Triq iż-Żejtun ġiet aċċettata, fuq bażi li l-linji gwida tal-Awtorità tat-Transport jiġu osservati.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 10 ta' Lulju mingħand sinjur li jmexxi l-Banka tal-Lottu, il-Kunsilliera ġew infurmati bit-talba li għamel għal *Parking Bay,* għar-raġuni li qed isib diffikultà biex jipparkja l-karozza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li legalment dan huwa permessibli. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward u għandha titmexxa l-applikazzjoni ma' Transport Malta.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 7 ta' Lulju 2018 mibgħuta mill-President tal-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei, il-Kunsilliera ġew infurmati li saret talba għal permess sabiex issir Lejla Maltija b'risq il-festa nhar il-25 ta' Lulju 2018, bejn is-7:00pm u 12:00am. Wara diskussjoni libera sar qbil li l-Kunsill għandu japprova u joħroġ il-permessi neċessarji.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 7 ta' Lulju 2018 mibgħuta mis-Segretarju tal-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei, il-Kunsilliera ġew infurmati li saret talba sabiex nhar it-28 ta' Lulju 2018 il-Kunsill jipprovdi x'jixorbu lill-bandisti. Wara diskussjoni libera sar qbil li l-Kunsill jipprovdi dawn id-drinks lill-bandisti miċ-Ċentru Edukattiv.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Lulju 2018 mibgħuta minn membru tal-Għaqda tan-Nar Madonna ta' Pompei, f'Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'talba sabiex nhar l-24 ta' Lulju 2018, jinħarġu l-permessi neċessarji mill-Kunsill (inkluż tabelli tan-*No Parking*) sabiex issir attività b'risq il-kumitat tan-nar. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jinħarġu l-permessi neċessarji u li jitqiegħdu *No Parking signs* għal din l-attività.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 4 ta' Lulju 2018 mingħand iċ-*Chief Officer* ta' Transport Malta, li residenta li toqgħod Triq Port Ruman talbet għal *Reserved Parking Bay*. Transport Malta talbet lill-Kunsill jekk isibx oġġezzjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jinforma lil Transport Malta li mhuwiex l-awtorità kompetenti sabiex jagħti informazzjoni rigward din il-persuna.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 9 ta' Lulju 2018, mingħand Sinjura li għandha stabbiliment ġewwa Marsaxlokk, fejn talbet lill-Kunsill Lokali sabiex tingħata |

*remote* tal-*barrier* tal-Pjazza. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma kellha tingħata l-ebda *remote* għax l-istabbiliment huwa barra mill-Pjazza.

- Permezz ta' korrispondenza innumerata DG/K/01/2018, mibgħuta fis-26 ta' Ġunju 2018 mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bit-Termini u Kundizzjonijiet ġodda tal-Fond ta' Ko-Finanzjament inkluż l-applikazzjoni ta' proġetti iffinanzjati mill-EU.

- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 25 ta' Lulju 2018, mingħand Sinjuri li huma s-sidien ta' *mobile kiosk,* fejn talbu li jinagħtaw permess sabiex jarmaw il-*kiosk* tagħhom quddiem it-*TIO* f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l- ma għandu jinħareġ l-ebda permess mill-Kunsill Lokali.

- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 4 ta' Lulju 2018, mingħand residenta fejn talbet lill-Kunsill sabiex fil-vaganzi tas-Sajf bintha tagħmel xogħol volontarju fil-Librerija Pubblika ta' Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandux jkun hemm oġġezzjoni f'dan ir-rigward.

- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 6 ta' Lulju 2018, mingħand Sinjura fejn infurmat lill-Kunsill li s-sidien taż-żwiemel qed jinżlu barra mill-ħin allokat għall-ħasil taż-żwiemel. Wara diskussjoni libera ġie deċiz li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lid-Direttur konċernat sabiex isir infurzar hekk kif kien imwiegħed.

- Il-Kunsilliera ġew infurmati li ġew ikkupjati b'korrispondenza mibgħuta b'emejl datata 14 ta' Ġunju 2018, mibgħuta mill-President tal-Koperattiva tal-Ħut lill-Ministru tal-Agrikoltura, fejn il-President qal li ma kienux infurmati li s-*slipway* li inagħtat sabiex jitniżżlu ż-żwiemel jgħumu. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti kif dan mhux minnu għaliex hu stess kien infurma lill-Koperattiva b'dan il-proġett pilota f'laqgħa li kellu nhar il-11 ta' Jannar 2018.

- Permezz ta' Ċirkolari innumerata 2018/067, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bil-proċedura stabbilita ta' kif Kunsill għandu japplika għal *Bus Shelter* ġdid jew jirraporta ħsarat. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu japplika għal tliet *Bus Shelters* ġodda fl-akwati tar-*roundabout* ta' Tas-Silġ, Triq it-Trunciera fejn il-*hanger*, u fi Triq Axtart fejn il-Mużew.

- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 21 ta' Ġunju 2018, mibgħuta minn Sinjura, fejn talbet li jsiru tabelli li l-Bajjiet ta' Marsaxlokk huma *dog friendly*. Wara qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti, ġie deċiż li għandha ssir talba sabiex il-bajjiet jinqasmu – *area* allokata għall-klieb u *area* allokata għan-nies.

- Permezz ta' Ċirkolari innumerata 2018/069, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bi stedina għal BBQ f'għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali fil-lukanda Dolmen.

- Permezz ta' Ċirkolari innumerata 2018/072, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati b'dokument tal-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu juri interess f'dan ir-rigward.

| | |
|---|---|
| | - Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 25 ta' Ġunju 2018, mingħand l-istabbiliment tal-*Costa Café* , fejn talbet li jsiru ħofor mal-art biex jitpoġġew l-umbrellel u jiġu evitati inċidenti meta jkun ir-riħ. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li jingħata permess fuq kundizzjoni li jsiru għotien għal dawn it-toqob sabiex meta ma jitramawx l-umbrellel, dawn it-toqob jingħalqu u jiġi evitat li jweġġa' xi ħadd.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti rigward l-*allowance* li se tingħata lil wieħed mill-ħaddiema tad-*District Operations*, hekk kif ġie deċiż mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju spjega li ħa jingħata *allowance* mill-Kunsill ta' 203.64 Eur fix-xahar. Din inħadmet mill-*accountant* sabiex il-paga li hi tieħu mill-kumpanija tagħha *District Operations*, u l-*allowance* tal-Kunsill ilaħħqu l-ewwel *notch* ta' Skala 15. Wara qbil unanimu bejn il-Kunsilliera l-*allowance* ġie approvat mix-xahar ta' Lulju 2018, dan bħala turija u aprezzament tax-xogħol siewi u l-kontribut li tagħti din l-impjegata.<br><br>- Permezz ta' komunikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar datata 8 ta' Mejju 2018, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li fl-applikazzjoni PA/0026/18 li jirrigwarda 31, Triq San Piju V, Marsaxlokk, kienu ġew sottomessi pjanti ġodda.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/00993/18, PA/03987/18 RG/00751/18, PA/05393/18, RG/00690/18, PA/00991/18, PA/01068/18, PA/01095/18, PA/03989/18, PA/04436/18, PA/10967/17, RG/03579/17, PA/03691/18. Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija. |
| 56.6 | Mozzjonijiet |
| 56.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 56.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 56.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li l-evalwazzjoni tat-t*enders* tal-*Waste Collection*, ta' l-*Accountant* u tat-tarmac ta' Triq ic-Cippi f'Marsaxlokk kient saret, għaldaqstant riedu jiġu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsill iddecieda li l-*bidders* li kienu se jiġu *awarded* it-*tenders* tal- Waste Collection, ta' l-*Accountant* u tat-tarmac ta' Triq ic-Cippi f'Marsaxlokk kienu dawk li huma finanzjarment l-irħas u fuq kollox li huma *compliant* kemm *technically*, *financially*, u *administratively*. Wara diskussjoni libera, it-tliet *tenders* ġew approvati mill-Kunsilliera preżenti. |
| 56.7.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' informa lill-Kunsilliera li t-*tender* tal-*Public Conveniences* kien se jagħlaq f'Diċembru 2018. Għaldaqstant kellu jibda jinħadem t*ender* ieħor jew toħroġ *Call for Quotation*s, jew kellu jiġi deċiż x'ser isir. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li mill-aktar fis possibli, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom jiddiskutu xinhu l-aħjar li jsir sabiex ma jkunx hemm spejjeż żejda għall-Kunsill. |
| 56.8 | Pjan ta' Riġenerazzjoni f'Marsaxlokk |
| 56.8.1 | Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera rigward iż-żona tal-Magħluq sar qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti li għandu jiġu ikkomunikat il-Ministru tal-Agrikoltura u Transport Malta sabiex isir iċ-ċint tal-Magħluq u jkun hemm diżlivell sabiex ma jaqlibx ir-ramel 'il ġewwa. Is-Sindku spjega wkoll li l-pjanta tal-parkeġġ tinkludi 89 parkeġġ. |

| | |
|---|---|
| 56.9 | Festa tal-Madonna ta' Pompei f'Marsaxlokk |
| 56.9.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar il-11 ta' Lulju, flimkien mas-Sur Jordy Brincat u s-Sa Emma Vella kienu iltaqgħu mal-Ispettur, il-Kappillan u membri tal-Għaqdiet tal-Festa sabiex kollox ikun mifthiem u organizzat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-ittri tal-monti fir-rigward tal-festa kellhom jitqassmu nhar il-Ħadd 15 ta' Lulju. |
| 56.10 | Festa Ħut 2018 |
| 56.10.1 | Is-Sinku informa lill-Kunsilliera li nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju kellha tinżamm laqgħa l-Kunsill Lokali, mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fir-rigward tal-Feta Ħut 2018, sabiex tibda tiġi ippjanata l-Attività. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li d-data tal-attività kellha tinżamm is-Sibt 22 ta' Settembru 2018, hekk kif kien diġà mifthiem bejn il-Kunsilliera u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali. |
| 56.11 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 56.11.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 07/18) għall-approvazzjoni. |
| 56.11.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 56.11.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 56.12 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 56.12.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 9 t'Awwissu 2018 fil-5:00pm. |

Konfermati, illum 9 t'Awwissu 2018.

IFFIRMATA

__________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv